MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 976/2005

**ITC Limited (C10309)**
**Mirachem Ltd (C8760)**
**Coca Cola Ltd (C1901)**
**Caffe Operator Ltd (C28644)**
**Orion Operators Ltd (C34795)**
**Heineken Ltd. (C2473)**
**Mark Paul Camilleri (ID 223985M)**
**Charles Scerri (ID 106066M) Aquatess Ltd. (C334435)**
**Food Industries Ltd. (C6217)**
**American Donuts Ltd. (C20428)**
**GAM Ltd. (C5020)**
**Frans Piscopo (ID: 692358M) Joseph Scerri (ID: 567365M) Michael Zarb (ID 594251)**

**vs**

**LBM Breweries Ltd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Ottubru 2005 fejn esponew:-

Illi s-socjeta` attrici ITC Limited (C10309) qieghda torganizza attivita` jisimha 'Oktoberfest' bejn il-21 u t-23 ta' Ottubru 2005 fit-Trade Fair Ground fin-Naxxar filwaqt illi s-socjeta` attrici l-ohra huma whud mill-agenti tal-birra li qeghdin jiehdu sehem f'din l-attivita` u bhala konsegwenza ghandhom interess guridiku dirett fl-azzjoni *de quo*.

Illi l-attivita` hawn fuq deskritta hija bazata primarjament fuq il-bejgh ta' birra u ikel tipiku Germaniz karatteristiku tal-festa tal-Oktoberfest. U peress illi l-attivita' progettata hija ispirata mill-festa tal-Oktoberfest li tigi celebrata internazzjonalment u li ghandha l-gheruq taghha fil-Germanja sa mis-seklu dsatax. Din l-attivita' tigi replikata madwar id-dinja kollha (Dok A) kif ukoll f'Malta. L-Oktoberfest ilha tigi organizzat f'dawn il-gzejjer mill-inqas mill-1975 (Dok B);

Illi fil-fatt il-kelma "Oktoberfest" ma hija l-prerogattiva ta' hadd u hija diffuza madwar id-dinja kollha u hija deskrizzjoni ta' tip ta' attivita` li tigi organizzata fix-xahar ta' Ottubru kif tradizzjonalment hija l-prassi fejn ikun hemm ikel, xorb (b'mod partikolari l-birra) u divertiment varjat.

Illi s-socjeta` konvenuta LBM Breweries Limited (C11654), torganizza attivita' simili kull sena mill-1999 (Dok C). Din l-attivita` ggib l-isem ta' 'Lowenbrau Oktoberfest'.

Illi din is-sena s-socjeta` konvenuta qed toggezzjona li s-socjeta` attrici tuza l-isem 'Oktoberfest' u dan ghaliex qed tallegga li l-uzu ta' dan l-isem ser johloq konfuzjoni fl-imhuh tal-pubbliku bejn l-attivita` ta' socjeta` attrici u dik tas-socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konevnuta ghamlet talba fil-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jinhareg mandat ta' inibizzjoni fil-

konfront tas-socjeta` attrici sabiex ma jintuzax l-isem 'Oktoberfest' waqt l-attivita` taghha. U peress illi t-talba sabiex jinhareg dan il-mandat ta' inibizzjoni giet milqugha permezz ta' digriet datat 10 ta' Ottubru 2005 (Dok B). U peress illi dan id-digriet huwa rritu u null. Dan ghaliex fl-ewwel lok id-digriet inhareg fil-konfront ta' J.T.C. Limited meta fil-fatt s-socjeta` attrici ma ggibx dak l-isem imma kif indikat fl-okkju ta' din ic-citazzjoni s-socjeta` jisimha ITC Limited (C 10309).

Illi l-pretensjoni tal-konvenut hija assurda kif jigi spjegat fit-trattazzjoni u tippretendi drittijiet dwar l-uzu ta' kelma li tappartjeni lill-kultura Germaniza u internazzjonali u mhux lis-socjeta` attrici b'dan illi l-agir tas-socjeta` konvenuta huwa abbusiv u dan ghaliex illi l-konsumatur normali jassocja l-isem ma attivita` tradizzjonali Germaniza li ssehh fil-Bavarja, specjalment minhabba li l-isem huwa miktub bil-lingwa Germaniza u hija tip ta' attivita` famuza madwar id-dinja kollha u mhux ma xi attivita` li giet skoperta f'Malta mis-socjeta` konvenuta. Kif ukoll il-konsumatur normali jassocja l-isem ukoll mat-tip ta' attivita` fejn jkun konsumat primarjament il-birra u l-ikel u waqt din l-istess attivita` jkun hemm diversi tipi ta' divertiment ghal partecipanti.

Illi apparti minn hekk fil-promozzjoni tal-attivita` tas-socjeta` konvenuta, l-isem huwa kwalifikat u hemm referenza fl-isem tal-attivita` ghall-marka tal-birra Lowenbrau (Dok E). Illi ghalhekk l-isem shih tal-attivita` tas-socjeta` konvenuta tindika mod car li l-attivita` tikkoncerna prodotti tal-birra bil-marka Lowenbrau biss u prodotti ohra li s-socjeta` attrici timporta hi biss u ghalhekk ristretta ghal dawk il-prodotti biss. U peress li dan ikompli jindika kemm hija assurda l-pretensjoni tal-konvenuti illi jippretendu li huma biss, bhala rapprezentanti tal-birra Lowenbrau ghandhom dritt ghall-uzu tal-isem Oktoberfest.

Illi l-attivita` tas-socjeta` konvenuta hija manifestazzjoni ta' ezebizjoni tal-birra li hija miftuha ghal kull min irid jesibixi l-prodott tieghu. Ghalhekk l-attivita` in kwistjoni hija msejha sempliciment Oktoberfest (Dok F) u dan ghaliex l-istess isem jirrifletti l-ispirtu tal-attivita`. Dan ghaliex ser ikun

hemm hafna produtturi tal-birra u tal-ikel li ser joffru s-servizzi f’attivita` simili hafna ghal dak li jsehh fil-Bavarja u madwar id-dinja kull sena (Dok G). Fil-fatt s-segwenti marki ta' birra ser jkun offruti waqt l-attivita` tas-socjeta` attrici: Bavaria, Hollandia, Cobra. Pheonix, Breda, Marlyn's, Heineken, Cisk, Cisk Export, Hopleaf Extra. Hopleaf Pale Ale, Shandy, Blue Label Ale, Budweiser. Carlsberg, Guinnes. Skol, John Smith, Underberg, Stella Artois, Warsteiner. u Lander Brau. Illi ghalhekk l-ispirtu u l-istruttura tal-attivita` verament tirrifletti l-konotazzjonijiet ta' l-isem Oktoberfest. Kif ukoll il-konsumatur normali ghalhekk jassocja dak l-isem ma’ dan it-tip ta' attivita` u mhux biss mal-attivita` tas-socjeta` attrici li hija ristretta mal-marka Lowenbrau.

Illi l-isem Oktoberfest tant huwa maghruf internazzjonalment, illi m'huwiex possibli skont l-Att dwar it-Trademarks, Kapitlu 416 tal-ligijiet ta' Malta li jkun registrat f’isem is-socjeta` attrici jew minn kwalunkwe socjeta` kummercjali ohra hawn Malta.

Tghid ghalhekk ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex: -

1. Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1527/05 fl-ismijiet LBM Breweries Limited v JTC Ltd.

2. Tiddikjara l-mandat ta' inibizzjoni bhala null u bla effett *stante* li l-isem fl-okkju tindika socjeta` mhux maghrufa J.T.C u mhux is-socjeta` attrici ITC limited.

3. Tiddikjara l-kelma Oktoberfest huwa wiehed ta' dominju pubbliku u tista` tintuza mis-socjeta`jiet attrici organizaturi tal-attivita` tal-21, 22 u 23 ta' Ottubru 2005 u f’ attivitajiet fil-futur.

Bl-ispejjes tal-gudizzju, u bl-ingunzjoni d-diretturi tas-socjeta` konvenuta sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 18 ta’ Ottubru 2005 (fol 41) fejn esponiet: -

1. Illi preliminarjament hemm lok ta' konnessjoni ta' kawzi in kwantu l-eccipjenti ntavolat kawza fuq meritu identiku fl-ismijiet **LBM Breweries Limited vs ITC Limited et** (Cit. nru: 987/05).

2. Illi l-atturi, bl-eccezzjoni ta' ITC Limited, qatt ma kienu parti mill-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni 1527/2005 u ghalhekk m'ghandhom l-ebda jedd li jitolbu r-revoka ta' mandat li ma kienux parti fih. Dan apparti l-fatt li m'ghandhomx interess guridiku in kwantu l-isem Oktoberfest qieghed jintuza mis-socjeta` li qieghda torganizza l-attivita`, cjoe` ITC Limited u l-pretenzjoni tal-eccipjenti hija fil-konfront ta' din il-kumpanija. Tant hu hekk li minn qari tac-citazzjoni jirrizulta li ITC Limited hija l-kumpanija li qieghda torganizza din l-attivita`.

3. Illi l-eccipjenti tikkontesta l-pretenzjoni tal-atturi li l-mandat huwa null. Il-mandat sar u nhareg kontra ITC Limited. Dak li l-atturi qeghdin jaqraw bhala “J” hija fil-fatt “I”.

4. Illi bla pregudizzju, fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, in kwantu l-isem li bih issemmiet l-attivita' li qieghda tigi organizzata mis-socjeta` attrici, tohloq konfuzjoni mal-attivita` li l-eccipjenti ilha torganizza ghal dawn l-ahhar seba’ (7) snin.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2005 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Malcolm Mifsud ghall-Kumpanija attrici. Deher Jeremy Cassar ghall-Kumpanija konvenuta assistit minn Dr. Anthony Ellul. Deher ukoll Mario Camilleri ghall-Kumpanija attrici. Il-Qorti wara li semghet lill-Avukati tal-partijiet ordnat li ghall-finijiet tad-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru 2005 li bih ordnat illi l-

kawza tinstema' b'urgenza t-trattazzjoni tal-kawza ghandha ssir dwar l-ewwel zewg talbiet attrici u dwar it-tieni eccezzjoni tal-Kumpanija konvenuta. L-Avukati tal-partijiet iddikjaraw illi ghandhom provi wkoll xi jressqu dwar dawn it-talbiet. Xehed Mario Camilleri in rapprezentanza tal-Kumpanija attrici. Ghal kull *buon fini* l-Avukati tal-partijiet qablu illi n-numru tar-registrazzjoni tas-socjeta` attrici mill-awtoritajiet kompetenti huma C 10309. Dr. Anthony Ellul iddikjara li fid-dawl tal-kontestazzjoni mressqa mill-Kumpanija attrici dwar l-isem tal-parti intimata fil-mandat in kwistjoni huwa jixtieq itella' b'xhud lil Claudio Zammit li rrediga l-istess mandat. *In vista* ta' diffikultajiet biex dan ix-xhud jitressaq *seduta stante*, Dr. Anthony Ellul qed jirrinunzja ghalih u jirriseva li jaghmel is-sottomissjonijiet relattivi waqt it-trattazzjoni. L-Avukati tal-partijiet esebew kopja fotostatika tal-atti kollha tal-mandat mertu tal-kawza. L-Avukati tal-partijiet ittrattaw estensivament il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel zewg talbiet attrici u dwar it-tieni eccezzjoni tal-Kumpanija konvenuta ghas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2005; u l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2005 fejn inghatat sentenza *in parte*. Dr. Malcolm Mifsud ghall-atturi gharraf lill-Qorti kif diversament presjeduta illi ma kienx inghata struzzjonijiet biex jitlob li jappella mis-sentenza moghtija f'dan is-smigh. Il-kawza giet differita ghall-provi dwar it-tielet talba attrici ghad-19 ta' Jannar 2006.

Rat is-sentenza in parte moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta fl-20 ta' Ottubru 2005 (fol 71) fejn l-istess Qorti ddecidiet illi: -

***"Tichad ewwel zewg talbiet attrici*** *ghaliex ma jirrizultawx misthoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

***Tastjeni milli tipprovdi dwar it-tieni eccezzjoni tal-kumpanija mharrka*** *u dan ghaliex hija intempestiva ghar-rigward it-tielet talba; u*

***Tikkundanna*** *lil-attur jhallsu l-ispejjez tal-kawza marbutin mal-ewwel zewg talbiet attrici."*

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Jannar 2006 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta (fol 84) fejn il-Qorti ghamlet referenza ghar-rikors imressaq mill-kumpanija attrici fl-10 ta' Jannar 2006, u wara li rat l-Art. 792 u 793 tal-Kap 12, u peress li rat il-mertu huwa konness, ordnat li l-kawza fl-ismijiet "LBM Breweries Ltd vs ITC Ltd, Citazzjoni Numru 987/05" tingieb quddiem din il-Qorti u tinstema' minnha flimkien mal-atti ta' din il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Anthony Ellul ghall-konvenuti ddikjara li l-kumpanija konvenuta jonqosha tressaq xhieda bl-mezz tal-affidavit u talab ukoll illi l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1527/05 degretat fl-10 ta' Ottubru 2005 u l-atti tar-rikors ghall-hrug tal-kontro mandat degretat fit-8 ta' Novembru 2005, jigu allegati mal-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghall-kontro-ezamijiet tal-partijiet dwar l-affidavits imressqin minnhom fit-13 ta' Frar 2007; u l-verbal tas-seduta tal-24 ta' April 2007 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel ghall-31 ta' Otturbu 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-14 ta' Frar 2013.

Rat in-nota tas-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn din il-kawza giet differita ghat-30 ta' April 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din il-kawza hija miexja kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet *LBM Breweries Limited (C 11654) -v- ITC Limited (C 10309)*,(Citazz. 987/2005 LSO), kif jirrizulta

minn digriet ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, moghti fid-19 ta' Jannar 2006.

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta` attrici qed tippretendi t-thassir ta' mandat kawtelatorju ta' Inibizzjoni mahrug kontra taghha mis-socjeta` konvenuta fl-ismijiet "*LBM Breweries Limited -v- JTC Limited"* (Mandat Numru 1527/05) *stante* nullita', kif ukoll sabiex jigi dikjarat li l-uzu tal-kelma "*Oktoberfest"* huwa wiehed ta' dominju pubbliku u mhux ta' appartenenza esklussiva ghas-socjeta` konvenuta.

Fl-20 ta' Ottubru 2005 inghatat sentenza *in parte* minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, kif gja premess. Dwar din it-tieni eccezzjoni l-Qorti osservat li t-tielet talba attrici ma tiddependix mill-ewwel zewg talbiet u halliet ghall-stadju ulterjuri, wara s-smigh tal-provi fuq il-mertu, il-kwistjoni dwar l-interess guridiku tal-atturi l-ohra ghajr ghas-socjeta` ITC Limited.

Il-Qorti ser tiddisponi mill-mertu taz-zewg kawzi konnessi li ghandhom bhala l-qofol taghhom l-fatt li *LBM Breweries Ltd*. issostni li hi ghandha uzu esklussiv fir-rigward l-isem "*Oktoberfest",* u dan peress illi ilha taghmel uzu minn dan l-isem ghal seba' snin ghall-attivita' li hi torganizza. Skont din il-kumpanija, l-uzu tal-isem mis-socjeta` ITC Ltd jikkostitwixxi konkorrenza zleali fil-konfront taghha. *ITC LTD*, min-naha l-ohra, jidhrilha illi l-isem huwa ta' dominju pubbliku, peress illi, *inter alia* l-isem jintuza madwar id-dinja kollha.

**Mario Camilleri**, Direttur tas-socjeta` *International Trading Company Limited*, xehed permezz tal-affidavit tieghu[1], fejn spjega li *ITC Limited* hija maqsuma f'diversi dipartimenti, fosthom *PRES- Production and Events Services* li torganizza diversi attivitajiet kulturali u socjali, bhal '*Oktoberfest'* li giet organizzata fis-sena 2005 fit-*Trade Fair Grounds,* Naxxar.

[1] Ezebit a fol.19 tal- process 987/05 bhala **Dok. MC1.**

Huwa ha sehem f'diversi attivitajiet li kien jisimhom *'Oktoberfest'.* L-ewwel darba kienet f'attivita' fil-lukanda *Verdala,* ir-Rabat, fis-sena 1993, imbaghad fil-lukanda *Suncrest* fis-sena 1995. Sa fejn jaf hu mis-sena 1995 'l quddiem is-*Suncrest Hotel* baqghet torganizza diversi attivitajiet bl-isem *Oktoberfest* u sa fejn jaf hu, qatt ma kien hemm oggezzjoni biex jintuza dak l-isem ghall-attivitajiet taghhom.

Kien hu stess li kien avvicina l-kontro-parti, fis-sena 1996, u tahom l-ideja biex jorganizzaw attivita' msejha *'Oktoberfest'* billi juzaw il-birra taghhom '*Lowenbrau'.* Huma wrew interess f'dan il-progett, tant illi fis-sena 1999 organizzat din l-attivita'.

Minkejja li xtaq jorganizzaha diversi snin ilu, kien biss fis-sena 2005, li d-Dipartiment tieghu seta' jorganizza l-attivita' *'Oktoberfest'* fit-*Trade Fair Grounds,* Naxxar.

L-ufficcju tieghu bdew jaghmlu ricerka fuq dak li jsir barra minn Malta meta tigi organizzata l-*Oktoberfest* u fost affarijiet ohra sabu li din l-attivita' ssir madwar id-dinja kollha, b'mod partikolari fl-Ewropa u l-Istati Uniti. Dawn l-attivitajiet kollha jgibu l-isem '*Oktoberfest'.*

Minn dejjem ghamilha cara li din l-attivita', organizzata minnhom, kienet se tissejjah *'Oktoberfest'.*

L-ewwel darba li l-kontro-parti saret taf bl-isem ta' *'Oktoberfest'* ghall-attivita' taghhom kien fit-30 ta' Awwissu 2005 meta flimkien mal-Assistenta tieghu, Mario Camilleri mar l-ufficcju taghhom u tawhom proposta tal-attivita', bl-isem *ben* indikat. Il-kontro-parti, b'mod partikolari s-Sur Salamone, kien entuzjast bl-ideja u wera interess li jippartecipa fiha.

Imbaghad, fit-13 ta' Settembru 2005 sar l-ewwel ilment mill-kontro-parti mal-proprjetarji tat-*Trade Fair Grounds,* fis-sens li l-isem *'Oktoberfest'* ma jistax jintuza, peress li *Marsovin Group* ghandhom drittijiet fuq dan l-isem. Jekk l-attivita` tkompli b'dak l-isem, kienu se jaghmlu Mandat ta' Inibizzjoni fuq l-attivita`. Mario Camilleri kien ukoll irceva

*fax* minn George Said ghas-socjeta` *LBM Breweries Ltd*. u wiegeb ghalih b'ittra legali. L-avukat tieghu ukoll ghamel verifika mal-Ufficcju tar-registrazzjoni tat-*Trade Marks,* jekk l-isem *'Oktoberfest'* kienx registrat mis-socjeta` kontro-parti u rrizulta fin-negattiv.

Fis-16 ta' Settembru 2005 rega' kien hemm laqgha ma' Stefan Salamone u minkejja li kien entuzjast bl-attivita' taghhom, ghamel zewg kundizzjonijiet. L-ewwel kienet li d-data tal-attivita` taghhom ma tkunx vicin ghal dik meta ssir il- '*Lowenbrau Oktoberfest',* kif ukoll li r-reklamar ghall- attivita` kellu jibda wara li tispicca l-attivita` tas-socjeta` kontro-parti. It-tieni kien li l-isem ma kellux ikun '*Oktoberfest',* imma kellu jizdied mieghu l-isem tal-kumpanija '*Pres'.* Ma kienx hemm qbil f'dan ir-rigward.

Saret laqgha ohra mal-kumpanija konvenuta fit-30 ta' Settembru 2005, din id-darba ma' certu Simon Grech, inkarigat mis-*Sales and Marketing* tal-kumpanija. Ma kienx hemm oggezzjoni ghall-uzu tal-isem '*Oktoberfest'* u wera interess li se jippartecipaw fl-attivita`.

Il-Kumpanija tieghu kellu kuntatt ukoll mal-Ambaxxata Germaniza fir-rigward din l-attivita`. Huma kienu entuzjasti b'din l-ideja tal-attivita` bl-isem *Oktoberfest* li kienet se ssir Malta.

Skont dan ix-xhud, kien hemm distinzjoni bejn l-attivitajiet organizzati mill-kontendenti rispettivament in kwantu li fl-attivita` minnu organizzata, kien hemm diversi swali rapprezentanti postijiet partikolari fil-Germanja, filwaqt li fil-kaz tal-*Oktoberfest* organizzat mis-socjeta` attrici, l-unika element tal-*Okotberfes*t kien jinsab fl-isem biss u f'xejn izjed.

Fid-19 ta' Ottubru 2005 il-kumpanija tieghu applikat mad-divizjoni ghall-Kummerc tal-Ministeru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni sabiex tirregistra l-isem '*Oktoberfest'* bhala *Trademark* hawn Malta, liema applikazzjoni giet irrifjutata[2]. Skont dan id-dokument, is-socjeta` konvenuta

[2] **Dok ITC9** ezebit a fol 51-53 tal-process.

giet mgharrfa li l-kelma *"Oktoberfest is used for a festival that takes place every year in Germany. It has become a tradition to state this beer festival and it is well known."* Minhabba dan gie mgharraf li l-isem mhuwiex registrabbli *a tenur* tal-artikoli 4(1)(c) u 4(1)(d) tal-*Att Dwar Trademarks, 2000(Kap .416 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Ix-xhieda ta' Mario Camilleri giet ikkorroborata minn **Pauline Muscat**, impjegata mal-Kumpanija *International Trading Company Limited,* (ITC Ltd.) li xehdet ukoll permezz ta’ affidavit.[3] Hi semmiet li wara l-laqghat li kellhom ma' rapprezentanti tas-socjeta` *LBM Breweries,* din harget mandat ta’ Inibizzjoni kontra *ITC Limited* sabiex l-isem *‘Oktoberfest’* ma jintuzax fl-attivita` taghhom.

**Jeremy Cassar**, *Head of Marketing and Export* mal-*Marsovin Ltd.,* bl-affidavit tieghu[4], jghid li huwa qatt ma awtorizza lil hadd biex jaghmel uzu mill-kelma *Oktoberfest.* L-ewwel li sema' li kien ser isir *beer festival* bl-isem ta’ *Oktoberfest* kien minghand Stefan Salamone. Malli sar jaf mill-ewwel informa lil Stefan biex jikkomunika mal-organizzaturi u jghidilhom biex ma juzawx dan l-isem. Dan peress li l-kumpanija taghhom kienet ilha seba’ snin torganizza din it-tip ta’ attivita` ta’ kull sena, f’Ottubru, u tuza l-isem *Oktoberfest.* Din l-attivita` ssir bl-ghajnuna ta’ *Lowenbrau Munich.* Matul is-snin investew hafna f’din l-attivita`.

Ikkonferma li kienu pprotestaw ma’ *Malta Trade Fairs Corporation*, kif ukoll baghtu *fax* lil Mario Camilleri bid-data tat-13 ta’ Settembru 2005 fl-istess sens.

Qatt ma nghata l-ebda dritt lil hadd sabiex issir tali attivita` bhal taghhom u tissemma’ *Oktoberfest.*

**Stefan Salamone**, *Brand Manager* mas-socjeta` konvenuta, permezz ta’ affidavit tieghu,[5] xehed li kien iltaqa’ ma’ Mario Camilleri fir-rigward ta’ attivita` li kellha

---

[3] Esebit a fol. 54 tal-process 987/05 bhala **Dok NK2**.
[4] Esebit a fol. 92 tal-process.
[5] Esebit a fol. 94 tal-process.

ssir f'nofs Ottubru 2005. Ma kien issemma' xejn lilu li l-attivita` ser jisimha *Oktoberfest.* Qalulu li kienu ser jorganizzaw *beer festival* simili hafna ghal *Oktoberfest* li ssir fil-Germanja.

L-ewwel darba li sar jaf li l-attivita` kienet ser tissejjah *Oktoberfest,* kien meta rcieva *e-mail* minghand Pauline Muscat bi proposta u deskrizzjoni tal-attivita`. Fil-pront avza lil Jeremy Cassar dwar dan, li tah struzzjonijiet biex jinfurmahom li ma kellhomx juzaw dak l-isem. Huwa personalment kien cempel lil Pauline u nfurmaha biex ibiddlu l-isem minn *Oktoberfest* ghal xi isem iehor. Huma kienu rrispondew illi kienu ga ghamlu ordnijiet ghal reklami bl-isem ta' *Oktoberfest.*

Saret laqgha bejn *ITC Limited* u *Marsovin* sabiex isibu xi soluzzjoni. Huwa minnu li hu kien hareg bl-isem *'The Pres Oktoberfest'* bhal proposta, pero' dejjem ghamilha cara li ghad ma kellux l-appogg tas-superjuri tieghu fir-rigward ta' din il-proposta, u huma kienu li jhollu u jorbtu kollox, peress illi huwa, bhala mpjegat ta' Marsovin ma kellux l-awtorita` li jiehu decizzjonijiet f'dan ir-rigward.

Waqt il-laqgha kien ghamel ukoll accenn ghal fatt illi l-attivita` ma' kellix ssir fl-istess tmiem il-gimgha meta l-Kumpanija taghhom torganizza l-*Oktoberfest,* kif ukoll li ma kellix tigi reklamata qabel ma tispicca l-attivita` taghhom. Ir- raguni kienet biex ma jithawdux in-nies fir-rigward ta' l-attivita` li ssir minn *ITC Limited* ma' dik taghhom li ssir kull sena.

Fl-attivita` li saret minnhom fis-sena 2005, Mario Camilleri u Pauline Muscat marru jduru mal-istands tal-ikel u bdew ihajru lil dawk li ppartecipaw maghhom biex jiehdu sehem fl-attivita` li kienu se jaghmlu huma xi hmistax wara. Tant hu hekk, li fl-attivita` taghhom kien hemm xi *stands* ta' nies li ta' kull sena jippartecipaw fl-*Oktoberfest* tal-*Lowenbrau*.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Jirrizulta minn din il-kawza u mill-kawza konnessa fl-ismijiet inversi, li l-pretensjonijiet tas-socjeta` LBM Breweries Ltd. giet imressqa skont l-**Artikolu 32** tal-**Kodici tal-Kummerc.** Dan l-artikolu jirregola l-**konkorrenza zleali** li jipprovdi li:-

*"Il-kummerċjanti ma jistgħux jagħmlu użu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistgħu jġibu taħwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv ieħor użati skont il-liġi minn ħaddieħor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' ħaddieħor ma jkunux irreġistrati skont l-Att dwar it-Trademarks, lanqas ma jistgħu jagħmlu użu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistgħu jqarrqu lil ħaddieħor fuq il-vera importanza tad-ditta."*

Hu stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li l-jeddijiet tal-kummercjanti f'din il-materja huma radikati fid-dritt generali ta' proprjeta', in kwantu kummercjant ghandu d-dritt li juza il-mezzi kollha legali biex jiddefendi ruhu kontra l-uzurpazzjoni tal-proprjeta' tieghu. Dan gie ribadit minghajr eccezzjoni mill-Qrati taghna bhala principju generali in materja, anke sa minn qabel il-promulgazzjoni tal-Kodici tal-Kummerc[6]. Din il-linja ta' hsieb giet addottata mill-legislatur taghna. Hekk, per ezempju, fil-kaz **"Dr Sammut noe v Mizzi pro. et noe"** [7]**,** il-Qorti tal-kummerc irriteniet li **"*...***bl-imsemmija disposizzjoni kontenuta fl-ewwel parti tal-art 36 tal-Kodici tal-Kummerc, il-legislatur irid jippunixxi is-serq ta' klijenti bl-ispekulazzjoni fuq il-konfuzjoni tal-prodotti konkorrenti, u ghalhekk li jrid li l-ebda kummercjant ma jezercixxi il-kummerc tieghu b'mod li jirriduci l-avventuri jizbaljaw il-merci tieghu jew in-negozji tieghu ma' merci jew negozju ta' haddiehor."*

Talba msejsa fuq konkorrenza zleali, ghalhekk, tohrog mid-dritt stess ta' proprjeta', b'dan li, jekk l-isem, marka jew sinjal distintiv mhuwiex il-proprjeta` tal-kummercjant li qed jintavola il-kawza, ma jistax jippretendi il-protezzjoni li ittih il-Ligi, u konsegwentement lanqas l-applikazzjonijiet

---

[6] Ara per. es. **Condachi v. Zikalski** dec. fit 8 ta' Gunju 1893 (Coll.XVIII p 503); u **Somerville v Schembri** dec. fit-18 ta' Nov. 1864(Collez X p 633).
[7] Kollez. Vol. XLIV.III.750.

tas-sanzjonijiet hemm mahsuba kontra l-kummercjant l-iehor, ghaliex, f'tali kaz, ma jistax jghid li akkwista xi dritt b'okkupazzjoni li qed jigi, jew jista' jigi, uzurpat.
Principju daqstant fondamentali jrid li l-artikoli li jirregolaw il-konkorrenza zleali ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. Kif gie deciz fil-kawza " ***La Rosa de Cristofaro v Farrugia pro et noe"*** [8]***,*** id-disposizzjonijiet legali citati ghandhom karattru penali u ma jistghux jigu estizi fl-applikazzjoni taghhom - "*sono , come in qualunque legge di natura penale, tassativi."* Hekk ukoll f' "**La Rosa v Borg -** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu,1956,[9] gie ritenut li jsegwi li "*ghalhekk ma tapplikax ir-regola tal-ejusdem generis."*

Tajjeb ukoll li jigi ccarat li l-azzjoni bbzata fuq konkorrenza zleali hija ndipendenti minn azzjoni bbazata fuq imitazzjoni ta' markju. Dan il-principju gie applikat mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi. F' "**Portelli noe.-v- Axisa noe"**[10]**,** il-Qorti osservat li "*Mentre la prima (azione di imitazione del marchio debitamente registrato secondo la legge) richiede le condizioni ed i requisiti specifici indicati in quella legge, l'altra (l'azione nascente dalla concorrenza sleale in forza degli art 37 et seq.) e ' concepita in termini assai generici stabilendo la legge che il commerciante non deve usare nomi o segni distintivi legittimamente usati da altri.....anchorche' questi non siano registrati in termini della legge di protezione della proprieta' industriale. "* U ssoktat li " *Lo scopo evidente della nuova legge fu quello di frenare i casi di concorenza sleale, ancorche' il commerciante non possa ricevere protezzione della legge del marchio di fabrica, sia perche non concorrano , come sopra s'e detto, i requisiti necessari per l'applicazione di quella legge, sia perche' il marchio, nel vero senso della parola, non si possa dire imitato, ma pure e' tale da avere l'attitudine di ingannare la buone fede del consumatore e da poter produrre confusione tra la merce genuina e quella impugnata, come oggetto di concorrenza sleale. Tale azione, quindi, nascente dalla nuova legga deve essere retta con principi*

---
[8] Kollez. Vol XXVIII.III.1159.
[9] Kollez. Vol. XL.I.508.
[10] Per Imhallef E Ganado - Kollez.Vol. XXVIII.III.1318.

*e regole piu' liberali che non quella della legge di protezione dei marchi, purche' ,s'intende, si provi la capacita' e l'attitudine nella merce impugnata di produrre l'effettiva confusione".*

Dan qed jigi premess peress li s-socjeta` attrici odjerna tistrieh fuq il-fatt li l-applikazzjoni taghha biex tirregistra il-kelma "Oktoberfest" giet rifjutata mid-Direttorat ghar-Registrazzjoni tal-Proprjeta Industrijali bl-applikazzjoni tal-artikoli 4(1)(c) u (d) tat-*Att Dwar it-Trademarks* 2000, **(Kap.416 tal-Ligijiet ta' Malta)** liema rizultat m'ghandux rilevanza determinanti fil-kawzi ta' konkorrenza zleali .

Il-principji legali li jirregolaw l-applikazzjoni tal-artikolu 32 mhumiex kontroversjali. Dawn gew invokati mill-abbli difensuri tal-kontendenti fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom.

Per ezempju, biex azzjoni bbazata fuq l-artikolu 32 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta tirnexxi, il-kummercjant li qed jinvokah ghandu jipprova li kien hu l-ewwel fis-suq li adopera dak l-isem, sinjal jew marka distintiva, in forza tal-principju "*prior in tempore, potior in jure" -* **"Anthony Marcel Pace Axiaq nomine vs Alex Borg nomine"** – P.A. (FDP) – 16 ta' Marzu 2001; **"Macpherson Mediterranean Ltd. vs Conquest Ltd"** – P.A. (GCD) – 9 ta' Dicembru 2002; **"Martin Spiteri vs Emanuel Cachia et"** – P.A. (TM) – 10 ta' Gunju 2004; u li s-somiljanza bejn l-isem, marka jew sinjal ikkontestat hija tali li tezisti l-probabilita' ta' konfuzzjoni fis-suq, -**'Vassallo vs Caruana' -** 7 ta' Gunju 1950; ***"H. Micallef noe v Albert Cyril Oakley noe" -*** *Q. Kumm per A Gauci Maistre 1 ta' Ottubru 1970;* minghajr ghalhekk il-htiega tal-prova ta' konfuzjoni attwali ghaliex "*tibbasta il-possibilita tal-konfuzjoni biex id-dritt ikun turbat kwindi vjolat" -* **"Chircop -v- Galea" -***App. Kollez. XXXIX.I.401, "L***ee v Galea " -*** *Kollez. XXVIII.III.1197 u* ***"Nani pro. et noe. v Arrigo*** *noe. et. - Kollez. XXXIV.III.841,* fejn il-Qorti irriteniet li bizzejjed li jigi ppruvat "*a risk of deception*" ossija li l-agir tal-konvenut ikun "*calculated to deceive*".

Fil-gurisprudenza taghna, kif intqal mill-Qorti fil-kaz **"Gino sive John Cutajar nomine vs Kevin Caruana" -** (A.C. 23 ta' Jannar 1998), gie determinat li *"l-konfuzjoni u l-konfondibilita' li l-ligi trid tevita jridu joriginaw u jkunu relatati mar-rejazzjoni tal-'average man in the street' ta' intelligenza ordinarja"*. Kriterji ohra uzati huma *"la generalita' dei compratori" -* "**A. Mizzi noe v E. Frendo noe"** - Q. Kum. 14 ta' Nov. 1932; jew jekk dan jirrizulta minn "*impressjoni generali*" - **Dr. Luigi Sansone bhala mandatarju ta' Ferrero SpA vs Philip Cassar Torreggiani et noe** (Nutella - Chocotella) - App Civ Sup - 15 ta' Novembru 2005.

Gie wkoll stabbilit li *"biex tinholoq din il-konfuzjoni m'hemmx bzonn li l-imitazzjoni tkun perfetta, imma huwa bizzejjed illi mill-kumpless taghha tista' tinganna lix-xerrej, fis-sens li jhallat merkanzija ta' wiehed mal-merkanzija ta' l-iehor"* ; -**"Chircop vs Galea"** – A.K. – 27 ta' Gunju 1955; **"John Gauci Maestre nomine vs Marcel Mizzi proprio et nomine"** – P.A. (PS) – 31 ta' Jannar 2003; **"Unibet.com (International Limited vs Global Events Online Limited et"** – A.C. – 10 ta' Lulju 2009, **'Joseph Tanti Palmier vs Joseph Caruana Curran nomine'** - Vol. XLIX.iii.1099.

Fl-ahhar ukoll skont is-sentenza fil-kaz bl-isem "**Dr. P. Valletta noe vs Joseph Tanti ",** deciza fil-11 ta' Marzu 1992, l-konkorrenza tfisser kompetizzjoni bejn tnejn fl-istess sfera ta' attivita', fl-istess kuntest ta' zmien u spazju. Tant li *" Min jadotta insenja, jekk ikun l-ewwel wiehed li jaddottaha, isir b'titolu ta' okkupazzjoni, il-proprjetarju legittimu taghha, u jkollu d-dritt li juzaha esklussivament ghal dejjem fil-postijiet fejn hija testendi il-forza taghha ta' attrazzjoni ... f'dik iz-zona ta' territorju fejn mill-uzu ta' l-istess tista' tidderiva konfuzjoni"* **- *"Chircop v Galea"*,** *Kollezz. XXXIX.I.401***.** F'dan is-sens ukoll huma d-decizjonijiet moghtija mill-Qrati taghna fil-kawzi **"Av. Dr. Stefan Meilaq *nomine vs* Anthony Hammett *et*" -** K. F. 24 ta' Frar 1994 - LXXVIII. iii. 117; **"Petroni nomine vs Montebello nomine" -** P.A. – 26 ta' Mejju 2000; **"Clamus Limited vs Mark Vella Gera"** - P.A. (GV) – 29 ta' Marzu 2004. Dawn il-principji gew ukoll elenkati fil-kawza

"**Petroni noe vs Montebello noe"**, deciza fis-26 ta' Mejju, 2000.

Izda fil-fehma tal-Qorti, il-qofol tal-kwistjoni li ghandha quddiemha mhiex dwar il-konfondibilita' bejn "*Oktoberfest*" u *Lowenbrau Oktoberfest,* ghaliex is-socjeta` konvenuta qed topponi ghall-uzu tal-kelma "*Oktoberfest*" *ut.sic.* Id-domanda ghalhekk hija jekk s-socjeta` konvenuta tistax takkwista l-patrimonju esklussiv tal-isem "*Oktoberfest*" *,* li, skont is-socjeta` attrici, hu isem ta' dominju pubbliku u ma tistax tigi approprjata minn kummercjant partikolari.

Is-socjeta` attrici f'din il-kawza ghamlet riferenza ghall-artikoli 4(1)(c) u (d) tal-***Att Dwar it-Trademarks*** (Kap.416) li jghidu li r-registrazzjoni ghandha tigi rifjutata fil-kazijiet *inter alia*:-

"4(1) (*ċ*) *trademarks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, biex ifissru ix-xorta, kwalità, skop intiż, valur, oriġni ġeografika, żmien ta' produzzjoni ta' oġġetti jew ta' għoti ta' servizzi, jew karatteristiċi oħrajn ta' oġġetti jew servizzi;*

*(d) trademarks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li saru konswetudinarji fl-ilsien mitkellem jew fl-użanzi bonafidi u stabbiliti ta' dak il-kummerċ*:"

Madanakollu il-legislatur jaghmel eccezzjoni fil-*proviso* ghall istess fejn jghid:-

"*Iżda trademark ma għandhiex tiġi rifjutata milli tiġi reġistrata minħabba fil-paragrafu (b), (ċ) jew (d) hawn aktar qabel jekk, qabel id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, tkun fil-fatt kisbet* <u>*karattru distintiv b'riżultat tal-użu li jsir minnha f'Malta*</u>*."(sottolinear tal-Qorti.)*

Ir-*raison d'etre* ghaliex *words in common use* huma eskluzi bhala regola generali mill-iskop ta' registrazzjoni hija cara u cioe', li l-legislatur ma jridx johloq monopolju a favur ta' kummercjant partikolari, fir-rigward tal-uzu ta' kelma li hija ta' patrimonju komuni, jew ta' dominju pubbliku.

Is-socjeta` *ITC Limited* tikkontendi proprju li l-kelma "*Oktoberfest*" hija kelma ta' dominju pubbliku u in sostenn ta' dan, tghid li l-kelma "*Oktoberfest*" hu sinonimu ma' festival ta' fama mondjali li ghandu l-origini tieghu fil-Bavarja il-Germanja, fejn ghadha ssir. Dan gie mfisser ukoll mid-Direttorat ghar-Registrazzjoni Industrijali[11] li rrefera ghall-"*Oktoberfest"* bhala *beer festival* tradizzjonali li hu maghruf hafna ("*well known")*. Tant li anke f'Malta kien hemm diversi okkazzjonijiet ohra fejn *beer festivals* gew indikati bl-isem *"Oktoberfest*" anke qabel ma bdew itellghu l-attivita' taghhom is-socjeta` *LBM Breweries Limited*, u dan minghajr ebda xkiel. Mario Camilleri isemmi, per ezempju, attivitajiet organizzati mis-*Suncrest Hotel,* u mill-*Verdala Hotel* u sahansitra mill-Parrocca ta' H'Attard, u jghid li ma kien hemm ebda diffikulta jew restrizzjoni fl-uzu tal-isem.

Ghall-kuntrarju, is-socjeta` konvenuta f'din il-kawza ssostni li wiehed irid janalizza l-uzu tal-kelma fil-kuntest tas-suq Malti u li l-fatt li l-isem jew kelma hija maghrufa mad-dinja kollha u ghandha fama internazzjonali wahedha, ma jfissirx li fil-kuntest Malti ma tistax, bit-trapass taz-zmien, tigi approprjata esklussivament minn kummercjant partikolari. Hija tissottometti li minnhabba li ilha zmien twil taghmel uzu mill-kelma "*Oktoberfest*" bhala parti mill-isem ta' l-attivita' li hija torganizza kull sena, l-konsumatur Malti jassocja dik il-kelma mal-attivita' partikolari li din il-kumpanija torganizza f'Malta.

**Ikkonsidrat** li hu accettat mill-gurisprudenza u mid-dottrina in materja, li ghalkemm l-uzu ta' kliem komuni fil-vokabolarju in generali ma jistghux jitqiesu il-monopolju ta' hadd, "*meta kelma, sija ukoll komuni, tkun assumiet indikazzjoni mhux biss tal-kwalita' tal-merkanzija, izda anke ta' l-origini taghha, bhala spaccata minn determinat kummercjant, u hija maghrufa bhala tali fil-kummerc lokali, ma jistax negozjant iehor juzaha fl-istess generi tal-kummerc." - "**Colombos -v- Spiteri Mallia p.et. noe."** - (Kollez.Vol.XXX.I.858).* F'dan il-kaz l-isem jew kelma

[11] **Dok. ITC9** esebit a fol.51-53 tal-process Citaz.987/05.

komuni takkwista tifsira sekondarja (*secondary meaning) "fis-sens li parti sostanzjali tal-pubbliku, fl-ideja taghha, tassocja l-isem geografiku man-negozju ta' negozjant partikolari"* - *"**Chircop v Galea**" 27 ta' Gunju, 1955 - App. Kollez.Vol. XXXIX.I. 401-B.*Ara wkoll f'dan is-sens,is-sentenza "**Road Servicing Ltd. v General Road Servicing Ltd."** deciza fil-15 ta' Marzu 2001 - (Citazz.1551/01 RCP) .

Per ezempju, l-isem li ghandu konnotazzjonijiet geografici bhal ma hu *Philadelphia,* meta abbinat ma' prodott li m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dan il-post (*cheese)*, jakkwista tifsira sekondarja wara uzu fit-tul, u l-isem *philadelphia cheese* tattira il-protezzjoni tal-ligi ghaliex il-pubbliku in generali jidentifika l-isem hekk abbinat ma' prodott partikolari.

Izda hu daqstant importanti li ssir il-prova li fis-suq lokali, il-kelma komuni, fil-kaz odjern, il-kelma "*Oktoberfest",* tkun fil-fatt, akkwistat din it-tifsira sekondarja b'mod li timmerita l-esklussivita'. Jekk dan jigi stabbilit, allura isegwi imbaghad id-dover tal-Qorti li taghmel l-indagni taghha dwar il-potenzjalita' ta' konfuzjoni bejn attivita' u ohra.

Hawnhekk il-Qorti tippreciza, in parentesi, li s-socjeta` konvenuta mhiex qed tirrestringi il-pretensjoni taghha fuq il-kelma "*Okoberfest"* abbinata mal-kelma "*Lowenbrau",* izda ghall-uzu tal-kelma "*Oktoberfest"* f'kwalsiasi kuntest, wahedha jew abbinata ma' xi isem iehor. Ma hemm ebda dubbju li s-socjeta` konvenuta, bhala proprjetarja tal-jedd ghall-uzu tal-kelma "*Lowenbrau",* tista ' topponi ghall-uzu ta' dan l-isem minn haddiehor.

Jinkombi fuq min jallega li akkwista dritt ta' proprjeta` fuq kelma ta' tifsira generika jew komuni, li jipprova a soddisfazzjon tal-Qorti li dik il-kelma, kif abbinata mal-attivita jew marka minnu uzata, akkwistat hekk tifsira distintiva f'suq partikolari .

Din il-prova mhix facli u tiddependi minn apprezzament partikolari tas-suq lokali. Il-kelma *"Oktoberfest"* hija

sinonima ma' festival tal-birra li tradizzjonalment issehh fil-Bavarja, izda akkwistat ukoll fama internazzjonali bhala isem ta' festivals jew attivitajiet fejn jigu mibjughin prodotti ta' birra u ikel f'perjodu partikolari tas-sena, bhala celebrazzjoni ta' din it-tradizzjoni.

Kif gie osservat minn Parker J fil-kaz "**Burberrys v Cording & Co Ltd"** [12] "*... the fact that a word retains its 'prima facie' descriptive signification increases the difficulty of proving that it is distinctive of the goods of any particular manufacturer."*

Il-Qorti tosserva li s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova f'din il-kawza jew fil-kawza konnessa minnha istitwita, in sostenn tat-tezi taghha fis-sens li l-kelma *"Oktoberfest"* hu sinonimu, fil-kuntest Malti, biss mal-attivita li hi torganizza. Anzi, pjuttost gie ippruvat l-oppost, peress li jirrizulta minn provi mhux ikkontestati, li kien hemm attivitajiet ohra imtellghin f'Malta bl-isem *Oktoberfest* minn kummercjanti u organizzaturi diversi.

Ghaldaqstant il-Qorti, ghal dawn ir-ragunijiet, ser tilqa' it-tielet talba attrici.

**Interess Guridiku**

Illi jisthoqq li l-Qorti tezamina dik il-parti tat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta odjerna li tirrigwarda **l-interess guridiku** tal-atturi kollha ghajr ghas-socjeta` *ITC Limited.*

Fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni jinghad li l-atturi l-ohra fil-kawza huma uhud mill-agenti tal-birra li qeghdin jiehdu sehem fl-attivita li ttellghat mis-socjeta` attrici.

Illi l-gurisprudenza nostrali tirrikjedi li rekwizit imprexindibbli ta' kull azzjoni hu l-interess f'min jipproponiha. Illi kif intqal fis-sentenza "**J Muscat et vs R Buttigieg et**" (27 ta' Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481):

[12] **(1909) 26. R.P.C. 704**

"*L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun *"konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir".*[13]

Illi fil-kaz in ezami, l-atturi li assocjaw ruhhom mas-socjeta` *ITC Limited* huma agenti li kienu ser jippartecipaw fl-attivita mtella' minn dik is-socjeta`. Ma kienux huma l-organizzaturi filwaqt li hija l-*ITC Limited* tramite il-"*PRES-Production and Events Services"* li ttella' attivitajiet simili. L-interess tal-atturi, hija determinata biss fir-rigward tal-"Oktoberfest "li kellu jsir f'Ottubru 2005, in kwantu li kienu gja ser jippartecipaw, ghalkemm anke dwar dan ma tirrizulta ebda prova. Fil-fatt il-Qorti tosserva li l-attivita' effettivament saret minnkejja li l-mandat ta' inibizzjoni kien ghadu *in vigore.* L-interess ta' dawn l-atturi, ghalhekk, jieqaf hemm ghaliex ma jistax jinghad li agent ta' prodott li ser jippartecipa f'xi attivita, ghandu interess dirett, personali u attwali fl-uzu tal-isem li jigi moghti lil dik l-attivita' partikolari ta' bejgh ta' birra u ikel u wisq inqas *ad futuram*.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta qed tigi milqugha fil-konfront tal-atturi kollha ghajr tas-socjeta` ITC Limited.

---

[13] Ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti**",(Kollezz. Vol LXXV1.iii.592).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa' it-tieni eccezzjoni** tas-socjeta` konvenuta in kwantu li din tolqot lill-atturi kollha ghajr ghas-socjeta` attrici ITC Limited (C10309), **tichad** ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta**; u tilqa' it-tielet talba attrici .**

**Tikkundanna** lill-atturi kollha ghajr ghas-socjeta` ITC Limited (C10309) biex ibaghtu l-ispejjez konnessi mat-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, filwaqt li l-ispejjez rimanenti tal-kawza, ghajr ghal dawk marbutin mal-ewwel zewg talbiet attrici, li din il-Qorti gja ipprovdiet dwarhom fis-sentenza preliminari taghha tal-20 ta' Ottubru 2005, jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------